**Il-Purcissjonijiet ta' Gimgha Mqaddsa fil-Gzejjer Maltin. – Ftit ta' l-Istorja.**




L-ewwel purcissjoni tal-Gimgha Mqaddsa inzammet gewwa r-Rabat, minghajr dubju fuq it-tahbrik tal-Patrijiet ta'Giezu, l-ordni li tant hija marbuta mal-postijiet fejn ghex u miet Gesu' – l-Art Imqaddsa. Kienu jippriedkaw ta' spiss fuq it-tbatijiet ta' Kristu u dan qanqal interess fl-akbar grajja ta' imhabba t'Alla lejn il-bniedem. Ir-residenti ta' l-Imdina li kienu membri ta' l-arcikonfraternita' ta' San Guzepp u li kienu qrib tal-gvern ta' l-Imdina, kienu gejjin u sejrin bhala messagiera tal-gvern ghand ir-re ta' Sqallija. Hemm setghu jaraw il-processjonijiet tal-Gimgha Mqaddsa u impressjonati minn dawn il-manifestazzjonijiet bil-mod il-mod dahhluhom gewwa Malta, l-ewwel fir-Rabat. Ma' dawn wiehed jista' jimmagina li l-Kavallieri hallew l-impronta taghhom fuq dawn il-manifestazzjonijiet.

Imbaghad din il-manifestazzjoni giet introdott fil-belt Valletta u l-ibliet tal-Kottonera segwew l-ezempju. Aktar tard bdew jinfirxu f'diversi rhula ta' Malta fejn il-lum insibu 22 post li jorganizaw din l-attivita'.

Mhux mill-bidu taghhom kienu johorgu bin-numru ta' vari li hemm il-lum. Anzi l-ewwel purcissjonijiet li kienu jsiru tard bil-lejl kienu jsiru bl-istatwa ta' Kristu mejjet. Infatti f'irhula go Sqallija hija okkorenza komuni li tara processjonijiet tal-Gimgha il-Kbira b'din l-istatwa biss.

Anqas ma kien mill-bidu li fil-processjonijiet kienu jiehdu sehem persunaggi bibblici. Fl-antik il-processjonijiet kienu semplici ghal ahhar. Kont tista tara li fuq quddiem nett kien ikun hemm bniedem idoqq it-tambur u l-fifra. Il-hoss taghhom kien jgharraf lin-nies li l-processjoni hija fil-qrib. Il-processjonijiet ta' dari aktar kellhom dik ix-xehta penitenzjali milli kif inhi llum dik ta' "pageant" jew wirja. L-unika processjoni li tfakkar il-mudell ta' wahda antika hija dik li tohrog mill-Bazilka ta' San Gorg Martri, gewwa Victoria f'Ghawdex. Din bdiet tohrog ghal ewwel darba fis-sena 1809. Wara kull statwa jimxu xi tfal liebsin iz-zimarra jzommu f'idejhom simboli tal-passjoni. Jippartecipaw irgiel b'rashom imghammda jgorru s-salib u jkaxkru xi ktajjen bhala weghdi jew ringrazzjamnet ta' xi grazzja li jkunu qalghu. L-istatwi kienu jimxu tista' tghid wara xulxin b'dawn il-partecipanti jalternaw wara kull misteru tat-tbatija. Tohrog imbaghad il-vara l-kbira bi tfal imfarfrin jzommu l-bandalori tas-seba' kelmiet. Fl-ahhar il-purcissjoni kienet tispicca bl-istatwi ta' Kristu mejjet u Marija Addolorata. Din kienet bejn wiehed u iehor il-processjoni ta'zminijiet ilu. Dawn il-purcissjonijiet mhux dejjem kienu johorgu fil-jum tal-Gimgha il-Kbira. F'Hadd il-Palm kienet tohrog il-Pucissjoni ta' Hal Qormi filwaqt li dawk tal-Belt u ta' l-Isla kienu johorgu fil-lejl ta' Hamis ix-Xirka. Min jaf f'dawk iz-zminijiet imbieghda x'dehra li ssahhrek kien ikun fihom dawk il-puricssjonijiet meta id-dalma tal-lejl kienet tkun miksura minn dawk id-dawl inemmnu f'kull rokna tal-vari flimkien mad-dawl tal-fanali li kienu jgorru t-tfal.! Dawk tar-Rabat u Bormla kienu johorgu fil-jum taghhom. Pero' fis-sena 1879 l-Isqof Scicluna ordna li l-purcissjonijiet kollha jridu jsiru f'jum il-Ġimgħa l-Kbira. Fil-Birgu kienu jsiru 3 purcissjonijiet, waħda l-Erbgħa tat-Tniebri li kienet toħroġ mill-Knisja tal-Karmnu. Fiha kienu jieħdu sehem skajvi mgħammdin u oħrajn ikkundannati jaqdfu fuq l-iġfna ta' l-Ordni. Dawn kienu jkunu bil-ktjajjen,iġorru salib. Jista' jkun li minn hawn ħarġet id-drawwa li nies ħafjin bil-

ktajjen ma' saqajhom u jġorru salib jimxu wara l-vari bħala penitenza jew bħala radd għal xi grazzja maqlugħha. Oħra kienet toħroġ f'"Ħamis ix-Xirka u l-aktar importanti kienet issir f'Jum il-Ġimgħa l-Kbira li kienet toħroġ mill-Knisja ta' San Lawrenz

Il-vari jew misteri tat-tbatija normalment kienu jkunu l-hames misteri tat-tbatija u mizjuda maghhom kien ikun hemm il-Veronika, Kristu mejjet, u l-Addolorata. Xi whud mill-parrocci fejn tinzamm din il-manifestazzjoni ziedu fil-vari, u dahhlu personaggi bibblici biex jaghmlu minn din l-attivita' wirja li fuqha wiehed jista jimmedita l-akbar grajja li qatt sehhet, meta Alla baghat lil Ibnu biex jifdina. Il-fratellanzi, ghaqdiet, jew familji li jiehdu hsieb dawn il-vari jaghmlu hilithom biex izejnuhom mill-ahjar biex jghollu l-livell taghhom. Biex jaghmlu minn dawn l-okazzjonijiet cirkustanzi solenni, jiehdu sehem il-baned tal-lokal li normalment ikunu quddiem jew wara l-vara l-kbira, pero' fejn jiehdu sehem iz-zewg baned tal-lokal, wahda tkun quddiem l-Ort u l-ohra quddiem il-vara il-kbira.

**Informazzjoni utli ohra.**

1. B'kollox hawn 22 post li ghandhom sett tal-Vari tal-Gimgha l-Kbira (14 f'Malta u 7 f'Ghawdex)

2. L-Ewwel Purcissjoni saret fir-Rabat, Malta.

3. L-unika post li ghandu zewg purcissjonijiet huwa ir-Rabat Ghawdex. Il-Parrocca ta' San Gorg u l-Parrocca tal-Katidral.

4. Il-Personaggi gew introdotti ghall-ewwel darba fir-Rabat, Malta.

5. Is-Sett tradizzjonali kien maghmul minn 8 statwi.
(1) L-Ort - Kristu u Anglu b'Kalci u Salib f'Idejh.
(2) Il-Marbut - Kristu marbut ma kolonna hdejh jew warajh
(3) L-Hecce Homo - Kristu inkurunat bil-qieghda jew bil-wieqfa.
(4) Ir-Redentur - Kristu mghobbi s-Salib
(5) Il-Veronika - Wahedha bil-maktur bil-wicc ta' Kristu f'idejha
(6) Il-Vara l-Kbira - Kristu Msallab, il-Madonna, San Gwann u l-Madalena
(7) Il-Monument - Kristu Mejjet fl-Urna
(8) Id-Duluri - Il-Madonna imnikkta bis-sejf u San Gwann jew anglu.

6. Hawn 4 postijiet li ghandhom il-Vari imlibbsin il-hwejjeg. Il-Birgu, il-Katidral u San Gorg fir-Rabat Ghawdex u z-Zebbug Ghawdex.

7. Hawn 2 postijiet li ghandhom il-Vari tac-Cena. Hal-Qormi (1961 ta' Salvatore Bruno minn Bari) u z-Zebbug, Ghawdex (1968 ta' Agostino Camilleri)

8. L-itwal purcissjonijiet ghandhom 12 -il statwa. Dawn huma Hal-Qormi u z-Zejtun.

9. Fix-Xewkija hemm sett ta' Vari izda ma ssirx purcissjoni.

10. L-ewwel purcissjonijiet kienu jsiru b'vara wahda. Il-monument.

11. L-eqdem statwa hi il-Marbut tar-Rabat, Malta. Din ghandha madwar 400 sena u ngiebet mill-Italja.

12. Saverio Laferla kien l-ewwel statwarju Malti li introduca l-istatwi tal-kartapesta fit-18 -il seklu.

13. F'Ghawdex l-istatwa tad-Duluri normalment tkun minghajr Salib, Anglu jew statwa ta' San Gwann.

14. F'Hal-Qormi gew introdotti dawn il-Vari ghall-ewwel darba f'Malta. Ta' Guda (Carlo Darmanin, 1903), ic-Cena (Salvatore Bruno 1961, Bari), Gesu' jiltaqa ma' Ommu (Salvatore Bruno 1961, Bari)

15. Fiz-Zejtun il-Vara ta' Xmun ic-Cirinew (Angelo Capoccia, Lecce, 1962) u l-Vara ta' Pilatu (Angelo Capoccia, Lecce, 1962) kienu l-ewwel f'Malta.

16. Il-vara tal-Pieta' giet introdotta f'Hal-Qormi (Salvatore Bruno, Bari) u fiz-Zejtun (Angelo Capoccia, Lecce) fl-istess sena, fl-1965.

17. Ir-Rabat, Malta introduca l-Vara li tirraprezenta meta Kristu gie Mnezza fuq il-Kalvarju. Din kienet ta' Salvatore Bruno, Bari fl-1962.

18. L-ewwel Ort li kellu zewg angli minflok wiehed saret minn Carlo Darmanin f'Bormla fl-1878.

19. L-ewwel Vara tal-Veronika mhux wahedha saret minn Carlo Darmanin fil-Mosta fl-1895.

20. In-Nadur ghandhom statwa unika li tirraprezenta il-laqgha ta' San Pietru ma Kristu.

(mehuda minn informazzjoni moghtija minn Robert Magro)